TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 295/10

**Sandra Roberts**
**vs**
**Carlbros Bathroom Centre Ltd.**

Illum 8 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fl-4 t'Awwissu, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' erba' mija, u ħamsa u għoxrin ewro (€425), rappreżentanti drain tas-sink li beda jagħmel l-ilma.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat karma tal-banju kompluta u l-istess soċjeta' intimata nstallat il-kamra tal-banju, pero' bir-riżultat li s-sink beda jagħmel l-ilma u għalhekk ir-rikorrenti qed titlob illi jiġi mibdul is-sink u l-prezz ta' tliet mija u ħamsa u għoxrin ewro (€325), kif ukoll il-prezz ta' mitt ewro (€100).

L-intimat issottometta illi l-ħsara li ġara ma kienx fuq l-affarijiet li kienet xtrat mingħandu u għalhekk qed jippretendi flusu kollha.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jaqbel mal-verżjoni tar-rikorrenti, fejn l-installazzjoni saret ħażina, bil-konsegwenza li beda jqattar l-ilma u ma saritx it-tiswija.

Jidher ukoll mill-provi li s-sink ma jistax jittranġa.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erba' mija, u ħamsa u għoxrin ewro (€425), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**